**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 277/17AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Ottubru, 2005, ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil, kopja legali qed tigi hawn annessa u ghalhekk jirrizulta li ghaddew aktar minn erba` snin mis-separazzjoni.

Illi ai finijiet tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta skont l-istess kuntratt;

(a) Illi l-konjugi ilhom legalment isseparati aktar minn erba` snin; u

(b) Illi ma jezisti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u
(c) Illi, ma jidhirx li hemm problem fuq il-hlasijiet ta' manteniment, peress li skont klawsola 5 tal-istess kuntratt kien hemm dekadenza da parti tat-tnejn.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall ta' zwieg bejn il-partijiet, a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha mhux topponi ghall-pronunzjament tad-divorzju prevja li hija tkun liberata mill-hlas ta' kwalsiasi spejjez relatati;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Ottubru 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.